MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 276/2012

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi minn relazzjoni li hija kellha mal-intimat, nhar is-6 ta' Lulju 2009 twieldet tifla bl-isem ta' K D (vide certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok. 'A');

2. Illi minn dakinhar li twieldet il-minuri sal-gurnata tal-lum, l-esponenti dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet ta' bintha wahedha u fil-fatt l-intimat qatt ma kkontribwixxa bl-ebda mod ghall-istess bintu u lanqas qatt ma wera x-xewqa illi jkollu access maghha ghajr ghal xi erba darbiet meta t-tifla kien ghad kellha biss ftit xhur;
3. Illi minkejja d-diversi tentattivi li ghamlet ir-rikorrenti anke permezz ta' diversi sezzjonijiet ta' seduti ta' medjazzjoni skont il-ligi, sabiex tasal fi qbil mal-intimat dwar il-kura u kustodja ta' binthom, dan il-qbil baqa' qatt ma sehh ghaliex l-intimat ma jridx jerfa responsabbilita' lejn il-minorenni;
4. Illi hija giet awtorizzata illi tressaq din il-kawza permezz ta' medjazzjoni u skont id-digriet bin-numru 2027/12 hawn anness u mmarkat Dok 'B';
5. Illi l-intimat huwa vittma tal-vizzju tad-droga u fil-passat kien anke vjolenti fil-konfront tal-esponenti u jheddidha u jirrikattaha, tant li kellha tmur tirrisjedi f'Dar Merhba Bik u dana hekk kif ser tipprova r-rikorrenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
6. Illi l-intimat kien misjub ukoll hati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (vide sentenza per il-Magistrat, illum Imhallef, Dott. Lawrence Quintano datat 21 ta' Novembru 2007 (Dok. 'C') talli interalia hedded persuna ohra u anke spara b'arma tan-nar fir-residenza taghha, liema sentenza hija llum 'res judicata';
7. Illi r-rikorrenti, li ilha s-snin trabbi lil bintha K D wahedha tixtieq illi din il-Qorti tordna illi l-kura u kustodja taghha tigi fdata esklussivament f'idejha b'mod permanenti u dana tenut kont tal-fatt illi l-intimat huwa persuna perikoluza ghar-rikorrenti u certament m'huwiex affidabbli;
8. Illi r-rikorrenti, li hi ta' nazzjonalita' Taljana (ghalkemm hija ta' dixxendenza Maltija u fil-fatt ghandha c-cittadinanza kemm Taljana kif ukoll Maltija), qed issib diffikulta' kbira meta tigi biex issiefer ma bintha sabiex izzur lill-genituri taghha u jkollha kull darba tirrikorri lejn il-Qorti ghall-awtorizzazzjoni taghha qabel ma taghmel dan ghaliex il-kuntatt mal-intimat huwa wiehed diffikultuz ferm. Fil-fatt lanqas dwar l-edukazzjoni tal-minuri ma qieghda ssib kooperazzjoni da parti tal-intimat;
9. Illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda intenzjoni illi tirritorna gewwa l-Italja b'mod permanenti u fil-fatt hija ffissat ir-residenza permanenti taghha hawn Malta fejn ghandha diversi qraba u ghalhekk m'hemm l-ebda periklu illi hi ser tahrab minn Malta flimkien ma bintha;
10. Illi certament illi huwa fl-aqwa interess tal-minuri illi hija zzur lill-qraba taghha gewwa l-Italja u li zzomm kuntatt tajjeb maghhom;

11. Illi ghalhekk hija kellha tressaq din il-kawza;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq esposti u prevja kull dikjarazzjoni ohra li thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi :

1. Tordna illi r-rikorrenti jkollha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri K D;
2. Tordna illi l-intimat ma jkollu l-ebda access ghall-bintu K D jekk mhux assistit u supervizjonat minn social worker jew persuna ohra specjalizzata, liema access ghandu jkun wiehed limitat ghal mhux aktar minn ftit sieghat fil-gimgha u dana biss jekk l-intimat juri x-xewqa li jezercita tali access;
3. Tordna illi l-intimat ihallas manteniment adegwat ghall-bintu K D f'dik is-somma li din il-Qorti thoss li ghandha tiffissa;
4. Tawtorizza lir-rikorrenti zzomm b'mod esklussiv il-passaport tal-minuri K f'kull hin, b'dana illi hi tkun tista' tapplika ghal tali passaport wahedha minghajr ma jkollha bzonn l-awtorizzazzjoni tal-intimat;
5. Tawtorizza lir-Rikorrenti ssiefer gewwa l-Italja bil-minuri minghajr l-awtorizzazzjoni tal-intimat;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat illi l-konvenut huwa kontumaci f'dawn il-proceduri ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, rat id-dokumenti li gew esebiti; il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attrici ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri K D fejn min-naha taghha r-rikorrenti tikkontendi li ghandha tkun fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-istess minuri b'dan li l-intimat ma jkollu ebda access versu l-istess minuri jekk mhux supervizjonat, kif ukoll qed titlob li jkun hemm ordni ghall-hlas ta' manteniment. L-istess rikorrenti taghmel talba specifika sabiex tkun tista' ssiefer gewwa l-Italja bil-minuri minghajr l-awtorizazzjoni tal-intimat. L-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

<u>**Verzjoni tar-rikorrent**</u>

Permezz tar-rikors promotur taghha, r-rikorrenti tghid li l-intimat qatt ma assuma r-responsabbilitajiet ta' missier u qatt ma wera interess f'bintu. Izzid tghid ukoll li ghandu kondotta mtappna peress li nstab hati talli hedded persuna ohra u anke spara b'arma tan-nar fir-residenza taghha[1]. Tiddiskrivi lill-intimat bhala ragel li ghandu l-vizzju tad-droga u li fil-passat kien anke vjolenti fil-konfront taghha. Tghid ukoll li qed tiskontra diffikultajiet kbar sabiex tkun tista' tmur izzur lill-familjari taghha gewwa l-Italja *stante* li l-intimat jaghmilha ferm difficli sabiex ikun hemm kuntatt u ghalhekk ikollha tirrikorri kull darba ghall-awtorizazzjoni tal-Qorti. Tiddikjara li r-residenza taghha hija Malta u m'ghandha ebda intenzjoni li tmur tghix gewwa l-Italja.

[1] Ara Dok. C esebit mar-rikors promotur a fol 9 tal-process

Permezz tal-affidavit taghha[2] r-rikorrenti tispjega r-relazzjoni taghha mal-intimat li xejn ma kienet wahda felici jew trankwilla ghaliex tiddiskrivih bhala ragel li ried jikkontrollalha hajjitha. Xejn ma kien ta' ghajnuna meta twieldet il-minuri. Il-vjolenza kibret u bdiet tissuspetta li kellu l-vizzju tad-droga izda kull darba li kienet issaqsih dwarha kien jinfexx isawwatha aktar. Marret l-Italja darbtejn biex tahrab minnu u biex tipprova tikkalma s-sitwazzjoni imma t-tieni darba li giet lura (u dan meta skopriet li kien ser jiehu proceduri legali sabiex il-minuri tingieb Malta), marret Merhba Bik u mhux id-dar fejn kienu jghixu. Tiddikjara li minn mindu twieldet il-minuri, l-intimat qatt ma hallas xi forma ta' manteniment ghaliha, anzi kien jitlobha l-flus. Qatt ma wera interess f'bintu.

Tghid li qatt ma riedet li twarrab lill-minuri minn missierha izda kien l-intimat stess li ghamel dan wahdu. Huwa anke f'dan il-kuntest li qed titlob li l-access versu l-minuri jkun taht supervizjoni u dan peress li l-minuri ma tafx lil missierha, apparti li huwa bniedem vjolenti. Taghlaq billi tghid li thoss li ghandha tinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri ghaliex kienet hi biss li kienet prezenti fil-hajja tal-minuri sa' minn mindu twieldet ghall-kuntrarju tal-intimat missierha li abbandunaha u ma ha ebda interess fiha.

## Il-Provi Migbura

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn l-intimat instab hati ta' diversi reati b'dan li gie kkundannat piena ta' 11 –il xahar prigunerija apparti multa. Il-Qorti rrakkomandat ukoll program ta' riabilitazzjoni kemm jista' jkun malajr minhabba l-vizzju tad-droga. Issir refeenza wkoll ghax-xiehda ta' Dr. Elisabeth Quintano[3] fejn tipprezenta tlett sentenzi moghtija kontra l-istess intimat[4] liema sentenzi

[2] Esebit a fol 30 tal-process
[3] Ara a fol 61 tal-process
[4] Ara a fol 64 – 85 tal-process

jikkonfermaw il-karattru hekk kif deskritt mir-rikorrenti kif ukoll il-problema tad-droga tal-istess intimat.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Marisa Farrugia[5] bhala *social worker* ta' Merhba Bik li tikkonferma li l-istess rikorrenti kienet fl-istess dar ghax-*shelter*. Tikkonferma li kien hemm numru ta' incidenti f'Merhba Bik fosthom episodju fejn l-intimat talab il-flus lir-rikorrenti u ghaliex irrifjutat ghaliex ma kellhiex, kien irrabja hafna. Tghid ukoll li kien hemm granet fejn kellu jara lit-tifla izda ma marx. Izzid tghid ukoll li l-minuri ma tafx min hu missierha u li kull darba li ratu, dejjem iggranfat ma' min kien ikun hdejha.

Ir-rikorrenti tipprezenta wkoll kuntratt tal-kera minghand il-*housing*[6] kif ukoll applikazzjoni ghall-iskola *Sacred Heart School*[7]. Tesebixxi wkoll dikjarazzjoni li hija tahdem fuq bazi *part-time*[8].

Fix-xiehda taghha, omm ir-rikorrenti[9] tikkonferma dak li tghid bintha fis-sens li l-intimat qatt ma assuma r-responsabbilitajiet ta' missier u li ghandu l-vizzju tad-droga u s-serq. Izzid tghid li bintha hija setiljata hawn Malta u qed tghix hajja trankwilla. Fr. Joseph Farrugia[10] jikkonferma min-naha tieghu li l-intimat m'ghandux relazzjoni mat-tifla u qatt ma kellu.

**<u>Dwar il-Kura u l-Kustodja</u>**

[5] Ara a fol 61 tal-process
[6] Ara a fol 95 tal-process
[7] Ara a fol 102 tal-process
[8] Ara a fol 103 tal-process
[9] Ara a fol 92 tal-process
[10] Ibid

*F'dan l-istadju ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[11] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[12] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[13] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

In vista ta' dak suespost u in vista tal-provi migjuba fil-mori ta' din il-kawza, fosthom sentenzi li jikkonfermaw il-vizzju tad-droga tal-istess intimat, il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghaliex m'ghandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Apparti li l-intimat lanqas biss ressaq xi risposta guramentata u wisq anqas xi forma ta' kontro-talba biex juri li ghandu interess fil-kura u l-kustodja ta' bintu, mill-provi jirrizulta li l-intimat m'huwiex idoneju sabiex jiehu hsieb lill-minuri. Min-naha l-ohra, mill-istess provi jirrizulta li kienet ir-rikorrenti li b'mod esklussiv, ghalkemm bl-ghajnuna tal-familjari taghha, dejjem hadet hsieb lill-istess minuri u ghalhekk m'hemm xejn li jista' jwassal lill-Qorti sabiex tichad tali talba ghaliex jirrizulta fattwalment li dan certament huwa fl-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Dwar l-access</u>**

Kif inghad aktar 'il fuq u kif gie ampjament ippruvat fil-mori tal-kawza, l-intimat m'ghandu ebda relazzjoni mal-minuri u lanqas biss qieghed jitlob xi forma ta' access. Pero' tenut kont ta' dan, anke minhabba l-istess interessi tal-minuri, l-Qorti thoss li f'kaz li l-intimat jaghmel talba aktar 'il quddiem ghal xi forma ta' access jew il-minuri thoss li trid tara lil missierha, l-ewwel ghandu jkun hemm *assessment* minn *social worker* sabiex jigi stabbilit jekk tali access ikunx ta' detriment ghall-istess minuri u wara tali *assessment* jittiehdu l-konsiderazzjonijiet necessarji. Ghalhekk fid-dawl ta' dan, il-Qorti thoss li sakemm ikun hemm talba da

[11] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[12] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[13] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

parti tal-intimat ghal tali *assessment,* m'ghandux ikun hemm access favur l-intimat.

**Dwar il-manteniment**

l-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li l-partijiet m'humiex mizzewgin u li fil-mori tal-kawza ma kien hemm qatt xi forma ta' talba ghal likwidazzjoni ta' manteniment.

Wara li rat id-dokument esebit in atti mir-rikorrenti li jikkonferma li hija tahdem fuq bazi *part-time* flimkien mal-provi kollha, u anke tenut kont tal-fatt li l-minuri ser tkompli tirrisjedi flimkien mar-rikorrenti ommha kif wara kollox ilha taghmel minn kemm ilha li twieldet, il-Qorti tillikwida l-manteniment dovut versu l-minuri fl-ammont ta' €250 kull erba` gimghat, liema manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. Fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz anke fejn il-kuntatt huwa wiehed rari l-Qorti thoss li ma jkunx opportun li l-intimat ikun ordnat ihallas ghal nofs l-ispejjez u s-sahha u l-edukazzjoni bil-prezentata tal-ircevuti, ghaliex tali ordni fic-cirkustanzi ma tkunx prattika.

**Dwar it-talba tas-safar**

Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li r-rikorrenti tista' tiskontra diffikultajiet sabiex issiefer lill-minuri anke sabiex din tara lill-familjari taghha. Pero' minkejja d-dikjarazzjonijiet li saru da parti tal-istess rikorrenti fis-sens li m'ghandha ebda intenzjoni li tmur tghix barra minn Malta, l-Qorti thoss li jkun opportun li tali eventwalita' tkun kawtelata. Ghalhekk fic-cirkustanzi, ghalkemm ir-rikorrenti ghandha jkollha d-dritt li ssiefer mal-minuri, ghandha tkun kostretta li taghmel passaport ghall-minuri b'mod li jkun ristrett biss ghall-granet tas-safar u xejn aktar. B'hekk tkun survolata l-kwistjoni tal-passaport u s-safar (*stante* li l-istess rikorrenti ser tkun awtorizzata tapplika u tohrog passaport ghall-minuri minghajr il-firma jew

il-kunsens tal-intimat) izda tali passaport ghandu jkun wiehed limitat ghal tali safra u xejn aktar.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri K D f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv;

2. Tilqa' t-tieni talba bil-mod kif spjegat fil-paragrafu intitolat 'Dwar l-Access';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' €250 kull erba` gimghat bhala manteniment ghal bintu, liema manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo* sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' 18 –il sena. Bejn l-eta' ta' 18 –il sena u l-eta' ta' 23 sena, l-istess manteniment ikun dovut biss f'kaz li l-minuri tkun qed tistudja fuq bazi *full-time*;

4. Tilqa' r-raba' talba;

5. Tilqa' l-hames talba limitatament u bil-mod kif spjegat fil-paragrafu 'Dwar it-talba tas-safar'.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------